**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR. GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 142/2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jeffrey Scicluna)**

**Vs**

**Abdulsalam Salem Benhamed**

**Illum 6 ta' Marzu 2023**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' Abdulsalam Salem Benhamed, iben Salem u Saijda neè Furjani, imwieled il-Libja nhar is-6 ta' Jannar 1973, mingħajr indirizz fiss u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 20548A, talli b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u li huma magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. Bejn is-sitta (6) u s-sbatax (17) ta' Jannar 2023 ikkommetta serq ta' diversi oġġetti ta' għamara kif ukoll vettura ta' l-għamla Morris Minor bin-Numru tar-Reġistrazzjoni CAM-084 minn ġewwa l-fond numru 14, Villino Sagra, Triq l-Esperanto, Msida, liema serq huwa kwalifikat bil-lok, bil-mezz, bix-xorta tal-ħaġa misruqa, kif ukoll bil-valur li jiskorri l-elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) għad-detriment ta' Matthew Attard u/jew persuni oħra u/jew entitajiet oħra;

2. Fl-iljieli ta' bejn l-għaxra (10) u l-ħdax (11) ta' Frar 2023 u l-ħdax (11) u t-tnax (12) ta' Frar 2023, ikkommetta serq ta' tlett vetturi ta' l-għamla Peugeot bin-Numru ta' Identifikazzjoni tal-vettura (VIN) VF3MCYHZUPS014912, VF3FCYHZTPY503749 u VR3FCYHZTNY653769 rispettivament, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bix-xorta tal-ħaġa misruqa, bil-ħin kif ukoll bil-valur li jiskorri l-elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) għad-detriment ta' Michael Attard Ltd. U/jew persuni oħra u/jew entitajiet oħra;
3. U aktar talli fl-istess dati, ħin lok u ċirkostanzi kiser il-provvedimenti ta' l-Artikolu 7 tal-Kap.446 tal-Liġijiet ta' Malta mogħtija fil-konfront tiegħu b'sentenza tal-

Qorti tal-Maġistrati (Malta), Maġistrat Dr. Claire Stafrace Zammit LL.D., datata 30 ta' Lulju 2021, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel;

4. U aktar talli rrenda ruħu reċidiv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, wara li ġie misjub ħati b'sentenzi mogħtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija l-Qorti tikkundanna lil Abdulsalam Salem Benhamed għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' Esperti jew Periti fil-proċeduri, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni, senjatament il-fedina penali ta' l-imputat markata Dok. "A", Personal Details' Form ta' l-imputat markata Dok. "B", rapport tal-Pulizija datat 7 ta' Jannar 2023 markat Dok. "C", rapport tal-Pulizija datat 12 ta' Frar 2023 markat Dok. "D" u żewġ stqarrijiet awdjo viżwali rilaxxati mill-imputat markati Dok. "E" u Dok. "F";

Rat l-Ordni ta' Probation maħruġ b'Digriet datat 30 ta' Lulju 2021 esebit mill-Prosekuzzjoni permezz ta' Nota ppreżentata fl-1 ta' Marzu 2023;

Rat li l-imputat wieġeb li huwa ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu, liema ammissjoni ġiet minnu kkonfermata wara li ai termini ta' l-Artikolu 392A(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti wissietu bl-iktar mod solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' l-ammissjoni tiegħu u tatu biżżejjed żmien biex jerġa' jirrikonsidraha u jerġa' lura minnha;

Semgħet is-sottomissjonijiet dwar il-piena u ħadet nota tal-fatt li parti sostanzjali ta' l-oġġetti misruqa ġew ritornati lill-proprjetarji relattivi;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat**:

L-imputat qed jiġi mixli talli b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u li huma magħmula b'riżoluzzjoni waħda: (1) bejn is-sitta (6) u s-sbatax (17) ta' Jannar 2023 ikkommetta serq ta' diversi oġġetti ta' għamara kif ukoll vettura ta' l-għamla Morris Minor bin-Numru tar-Reġistrazzjoni CAM-084 minn ġewwa l-fond numru 14, Villino Sagra, Triq l-Esperanto, Msida, Liema serq huwa kwalifikat bil-lok, bil-mezz, bix-xorta tal-ħaġa misruqa, kif ukoll bil-valur li jiskorri l-elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) għad-detriment ta' Matthew Attard u/jew persuni oħra u/jew entitajiet oħra; (2) fl-iljieli ta' bejn l-għaxra (10) u l-ħdax (11) ta' Frar 2023 u l-ħdax (11) u t-tnax (12) ta' Frar 2023, ikkommetta serq ta' tlett vetturi ta' l-għamla Peugeot bin-Numru ta' Identifikazzjoni tal-vettura (VIN) VF3MCYHZUPS014912, VF3FCYHZTPY503749 u VR3FCYHZTNY653769 rispettivament, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bix-xorta tal-ħaġa misruqa, bil-ħin kif ukoll bil-valur li jiskorri l-elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) għad-detriment ta' Michael Attard Ltd. U/jew persuni

oħra u/jew entitajiet oħra; (3) u aktar talli fl-istess dati, ħin lok u ċirkostanzi kiser il-provvedimenti ta' l-Artikolu 7 tal-Kap.446 tal-Liġijiet ta' Malta mogħtija fil-konfront tiegħu b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), Maġistrat Dr. Claire Stafrace Zammit LL.D., datata 30 ta' Lulju 2021, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel; (4) u aktar talli rrenda ruħu reċidiv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, wara li ġie misjub ħati b'sentenzi mogħtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

L-imputat wieġeb li huwa ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu. Fid-dawl ta' tali ammissjoni l-Qorti għandha ssib lill-imputat hekk ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontrih.

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati dedotti fil-konfront ta' l-imputat u li ġew minnu ammessi u l-fedina penali tiegħu, iżda ħadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li l-imputat irreġistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proċeduri u li parti mill-oġġetti misruqa ġew ritornati lill-proprjetarji tagħhom.

Għaldaqstant wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 18, 31, 49, 50, 261(b)(ċ)(e)(f)(g), 263(a), 267, 269(g), 270, 271(g), 279(b) u 280(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll l-Artikoli 7 u 23(1)(a) tal-Kap.446 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikoli 17(b), 31, 49, 261(ċ)(g), 267, 271(g), 279(a), 280(1) u 287 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikolu 15(1)(a) tal-Kap.65 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolamenti 32(5) u 44(4) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.02, qed issib lill-imputat, fuq ammissjoni tiegħu stess:

- Ħati ta' l-ewwel, it-tieni u r-raba' imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu u tikkundannah għall-perijodu ta' tmienja u għoxrin (28) xahar priġunerija effettiva; u
- Ħati tat-tielet imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u b'hekk tittratta miegħu għar-reati li dwarhom inħarġet l-Ordni ta' Probation b'Digriet datat 30 ta' Lulju 2021, ossia l-ewwel, it-tieni, ir-raba' u s-sitt imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' l-imputat fil-proċeduri deċiżi bis-sentenza pronunċjata minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-30 ta' Lulju 2021, u tikkundannah għal tlettax-il xahar (13) priġunarija effettiva.

L-imputat għalhekk qed jiġi kkundannat għall-perijodu komplessiv ta' wieħed u erbgħin (41) xahar priġunerija effettiva.

Ai termini ta' l-Artikolu 15(3) tal-Kap.65 tal-Liġijiet ta' Malta l-Qorti tikswalifika lill-imputat milli jkollu jew milli jikseb liċenza tas-sewqan għall-perijodu ta' sitt (6) xhur dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza.

Peress illi f'dawn il-proċeduri ma ġew nominati l-ebda Esperti u/jew Periti, il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni bbażata fuq l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti tagħmel rakkomandazzjoni lid-Direttur tal-Faċilità Korrettiva ta' Kordin sabiex l-imputat jingħata l-għajnuna kollha meħtieġa għall-fini li fil-waqt opportun jibda jsegwi programm residenzjali għar-rijabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga.

Ai termini ta’ l-Artikolu 392A(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta’ Malta, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta’ l-atti, flimkien ma’ aċċess għal kopja skenjata ta’ din is-sentenza.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**